Saint Peter's, Zabbar

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St. Peter

## IT-TIENI LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 108**

**It-Tnejn, 10 ta' Diċembru, 2018**

Il-Kumitat Amministrattiv St. Peter iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fis-6.00 ta' filgħaxija

**PREŻENTI:**

Mario Bartolo – *Chairperson*
Luciano Farrugia – Viċi-*Chairperson*
Norman Clews – Membru
Nicholas Azzopardi – Membru

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Ic-*Chairperson*, is-Sur Mario Bartolo ippresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.02pm

**108.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

108.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' Apoloġija

**108.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

108.2.1 Il-minuti tal- 108 laqgħa ġew ikkunsidrati bħala moqrija u approvati.

**108.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson**

108.3.1 Is-Sur Bartolo qal li nhar is 6 ta' Novembru kellna laqgħa mas-Sur Andrew Haig minn Transport Malta fejn tkellimna fuq diversi suġġetti forsthom ir-road humps, il-Bus Shelter u double yellow lines li tlabna. Is-Sur Haig qalilna li hu bħalissa jinsab fi stat li għandu ħafna xogħol b'lura u għalhekk ser jiċċekkja t-talbiet tagħna u jerġa ikellimna lura.

108.3.2 Is-Sur Bartolo qal li għadna qed nippruvaw insibu bennej li hu lest li itina stima u jibda f'qasir żmien. Mario xtaq jiċċekkja jekk hemmx differenza kbira jekk dan il-ħajt ikollu jsir tas-sejjiegħ bħal li hemm fil-viċin, propju fi Triq l-Għakrux. Is-Segretarju qal li ser jiċċekkja kemm kien ġie jiswa u tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**108.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;**

108.4.1 Is-Sur Luciano Farrugia fakkar li s-sigra ta' Triq l-Għakrux għada ma nżabritx. Is-Segretarju qal li ser nerġgħu infakkru lil David sabiex iqaċċat li hemm il-barra.

108.4.2 Is-Sur Clews staqsa fuq is-siġra ta' fejn tal-Boċċi fi Triq San Leonardo. Is-Segretarju qallu li għadna qed niġru wara tal-ELC għax iridu jiġu bil-high up.

**108.5 Mozzjonijiet**

108.5.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**108.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

108.6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal-31 ta' Jannar

IFFIRMATA
Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-109 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 31 ta' Jannar 2019.

IFFIRMATA
Mario Bartolo
*Chairperson*